



Stqarrija għall-Istampa
Il-Lussemburgu, is-26 ta' Novembru 2020

Il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar min-naħa tal-UE hija baxxa

Skont rapport speċjali ġdid li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), l-azzjoni li ttieħdet mill-UE ma wasslitx għall-irkupru ta' ammont sinifikanti ta' ekosistemi u ħabitats tal-baħar. Il-qafas tagħha għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar mhux appropfondit biżżejjed biex l-ibħra jiġu restawrati għal kundizzjoni ambjentali tajba, filwaqt li l-fondi tal-UE rarament jappoġġaw il-konservazzjoni tal-ispeċijiet u l-ħabitats tal-baħar. L-awdituri sabu li ż-żoni tal-baħar protetti (MPAs) jipprovdu protezzjoni reali limitata, filwaqt li għadu jsir sajd eċċessiv, b'mod partikolari fil-Mediterran.

L-UE hija impenjata li tiproteġi l-ambjent tal-baħar permezz tal-politiki ambjentali u tas-sajd tagħha. Il-politiki ambjentali prinċipali tagħha huma stipulati fid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u fid-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, u jinkludu l-istabbiliment ta' network ta' MPAs. Il-politika komuni tas-sajd tal-UE għandha l-għan li tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd ikunu ambjentalment sostenibbli, u li timminimizza kemm jista' jkun l-impatti negattivi tagħhom fuq l-ekosistema tal-baħar, kif ukoll li tipprovdi finanzjament. Madankollu, l-UE ma rnexxilhiex twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità tal-baħar fl-ibħra tal-Ewropa.

"Minħabba l-importanza ekonomika, soċjali u ambjentali tagħhom, l-ibħra huma tassew teżor. Madankollu, l-azzjoni li ttieħdet mill-UE sa issa ma ppermettietx li l-ibħra Ewropej jiġu restawrati għal status ambjentali tajjeb, u lanqas li s-sajd imur lura għal livelli sostenibbli", qal João Figueiredo, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. L-awditu li wettaqna jissenjala b'mod ċar sitwazzjoni allarmanti f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-baħar tal-UE."

Fil-prattika, il-protezzjoni li l-qafas tal-UE jipprovdi fir-rigward tal-bijodiversità tal-baħar hija biss limitata. L-MPAs, li huma aktar minn 3000, probabbilment jikkostitwixxu l-aktar miżuri

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg
E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

emblematiċi ta' konservazzjoni tal-baħar. Madankollu, għalkemm l-MPAs jipprovdu xibka protettiva wiesgħa, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għall-fatt li din il-protezzjoni mhijiex approfondita. Dan huwa konformi ma' valutazzjoni reċenti mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), li sabet li inqas minn 1 % tal-MPAs Ewropej jistgħu jitqiesu bħala riżervi tal-baħar bi protezzjoni sħiħa. Biex ikunu effettivi, l-MPAs ikunu jeħtieġu jkopru b'mod suffiċjenti l-ispeċijiet tal-baħar tal-UE li huma l-aktar vulnerabbli u l-ħabitats tagħhom, jinkludu restrizzjonijiet tas-sajd fejn meħtieġ, u jiġu mmaniġġjati tajjeb. Madankollu, dan huwa 'l bogħod mir-realtà.

Bl-istess mod, l-għodod regolatorji li jorbtu l-politika tal-UE dwar il-bijodiversità tal-baħar mal-politika tas-sajd tagħha ma jaħdmux tajjeb fil-prattika. Fiż-żoni tal-baħar li ġew eżaminati mill-awdituri, dawn l-għodod għad iridu jintużaw b'suċċess. Id-dritt tal-UE jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-ispeċijiet u l-ħabitats fil-periklu. Dawn id-dispożizzjonijiet ilhom aktar minn 25 sena u ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-għarfien xjentifiku reċenti.

Is-sajd għandu impatt konsiderevoli fuq l-ambjent tal-baħar. Għalkemm il-politika komuni tas-sajd kienet bdiet ittejjeb l-istokkijiet tal-ħut fl-Atlantiku, fil-Mediterran ma kien hemm l-ebda sinjal sinifikanti ta' progress. Is-sajd fil-Mediterran huwa f'livelli li huma darbtejn oġġla minn dawk sostenibbli. Reċentement, l-EEA rrapportat li 6 % biss tal-istokkijiet li ġew ivvalutati fil-Mediterran kienu jissodisfaw il-kriterji tar-“rendiment massimu sostenibbli”.

Filwaqt li l-politiki tal-UE jiddikjaraw li l-finanzjament mill-UE huwa mistenni li jappoġġa l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, sehem żgħir biss jintuża għal dan l-iskop. Għall-perjodu 2014-2020, madwar EUR 6 biljun ġew allokati għall-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). Madankollu, l-awdituri jistmaw li l-erba' Stati Membri li żaru (Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall), kienu użaw biss 6 % għal miżuri li kienu direttament relatati ma' miżuri ta' konservazzjoni u 8 % oħra għal miżuri b'impatt inqas dirett fuq il-konservazzjoni. Minn dan, huma kienu użaw inqas minn EUR 2 miljun (0.2 %) biex jillimitaw l-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar. Madankollu, il-finanzjament mill-UE jista' jagħmel differenza, kif jidher f'eżempji tajba ta' proġetti ffinanzjati permezz tal-programmi LIFE u Interreg tal-UE.

Informazzjoni ġenerali

It-terminu “ibħra” jintuża f'din l-istqarrija għall-istampa biex jirreferi kemm għall-Oċean Atlantiku kif ukoll għal ibħra oħra fl-Ewropa.

L-awditu kopra l-perjodu mill-2008 – is-sena li fiha ġiet adottata d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina – sa Marzu 2020. Huwa ffoka fuq il-Golf tal-Biskalja u l-Kosta Iberika, kif ukoll fuq il-Makaroneżja u l-Punent tal-Baħar Mediterran. L-awdituri żaru l-Istati Membri li għandhom kosti f'dawn iż-żoni tal-baħar: Spanja, Franza, l-Italja u l-Portugall.

Is-sena 2020 kienet waħda importanti għall-UE f'termini ta' l-ħuq tal-oġġettivi għall-ambjent tal-baħar, u fl-2021 se ssir laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità. Dan ir-rapport tal-awditjar ċertament se jikkontribwixxi għad-diskussjoni dwar l-għażliet fil-ġejjieni.

Ir-Rapport Speċjali Nru 26/2020: “Ambjent tal-baħar: il-protezzjoni tal-UE hija wiesgħa iżda mhux approfondita” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.

Reċentement il-QEA ppubblikat [rapport dwar it-telfien tal-bijodiversità agrikola](#).

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-

rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502